**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Hamis 27 ta' April , 2023**

**Kawza Numru: 16**

**Rikors Guramentat Numru:- JVC 1079/2022**

**Krista Borg – 462303L**

**Vs**

**Agenzija Identita' Malta u Mario u Joan konjugi Borg Sillato ghal kull interess li jista' jkollhom u permezz tad-digriet datat 9 ta' Marzu, 2023 id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie kjamat fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Krista Borg (462303L) kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

**'RAGUNI TAT-TALBA U DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

Illi r-rikorrenti hija bint l-intimati konjugi 'Borg Sillato' u dana tramite process t'adozzjoni;

Illi l-Intimati Mario u Joan huma koppja mizzewga;

Illi hekk kif jirrizulta mill-Att t'Adozzjoni hawn anness u mmarkat Dok. 'KB1', kunjom l-intimat missierha huwa 'Borg Sillato' u dana hekk kif gie irregistrat mill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku;

Illi l-intimat Mario Borg Sillato ilu ghexieren ta snin juza l-kunjom 'Borg sillato' u hekk qedha taghmel ukoll ghall snin shah l-intimata martu u dan hekk kif jirrizulta mill-karta tal-identita' taghhom (Dok. 'KB2') u hekk kif ser tipprova r-Rikorrenti waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi l-istess Rikorrenti, anke minhabba l-fatt tal-adozzjoni taghha, hija qedha, tramite din l-istanza, titlob li kunjomha jkun bhal dak ta' missierha l-intimat fl-att tal-adozzjoni u li huwa l-kunjom li huwa konsistentement imsejjah bih missierha u tul dawn l-ahhar snin ommha wkoll;

Illi fic-cirkostanzi dan ifisser hafna ghar-Rikorrenti u ghalhekk hija qedha tressaq tali talba gudizzjarja a tenur tal-Art. 253(2) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta u fil-parametri ta' tali disposizzjoni tal-ligi jissusistu ragunijet validi ghal tal korezzjoni fl-Att tal-adozzjoni in disamina il del resto tammonta ghal zieda biss ta' kunjom iehor wara dak irregistrat;

**TALBIET**

Ghaldaqstant ir-rikorrenti , ghar-ragunijet hawn fuq premessi, umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna l-korrezzjoni fl-Att tal-Adozzjoni tar-Rikorrenti bin-numru tar-registrazzjoni 1569 u bid- data tar-registrazzjoni 5 t'Ottubru 2006 billi fil-kolonna, it-tielet kolonna, intestata 'isem u kunjom ta' persuna adottata', mal-kunjom 'Sillato' u ghalhekk jigi 'Borg Sillato';

2. Tordna ghal kull buon fini li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull Att iehor ta' status civili mahruga jew li jista' jinhareg fuq ir-rikorrenti u dana a tenur tal-Art. 253(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u l-Intimati kollha minn ingunti ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata Agenzija Identita' Malta li taqra kif isegwi:

'Tesponi bir-rispett u l-Kap Eżekuttiv il-Kurunell Mark Mallia, għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Aġenzija, bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

**1.** Illi in vena preliminari, jibda billi jingħad li l-Aġenzija intimata mhix il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, stante li permezz tal-proċeduri odjerni effettivament qed jintalab tibdil f'atti tal-istat ċivili rreġistrati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u ai termini tal-artikolu 306(5) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, "Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jkun l-

unika persuna kompetenti biex jirrappreżenta f'kull kapaċità lir-Reġistru Pubbliku f'kull proċeduri legali taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra.";

2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti naqset milli tutilizza r-rimedju ordinarju disponibbli taħt l-Artikolu 127 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' liema jista' jsir rikors għal korrezzjoni fid-digriet tal-adozzjoni quddiem il-Qorti li tkun tagħat id-digriet tal-adozzjoni, minghajr il-ħtieġa li jiġu istitwiti proċeduri bħal dawk odjerni;

3. Illi bla ħsara għall-premess, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

4. Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponenti umilment tistqarr illi mhix edotta mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat promotur, u tistieden lir-rikorrenti sabiex f'każ li tixtieq tipproċedi bil-proċeduri odjerni, tikkjama fil-kawża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta sabiex dan ikun jista' jwieġeb għat-talbiet tagħha;

5. Illi finalment u dejjem bla ħsara għall-premess, l-esponenti tissottometti illi hija ġiet intimata fil-proċeduri odjerni inutilment u li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti

tal-istess esponenti u li għalhekk hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**6.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimata Agenzija Identita' Malta li taqra kif isegwi:

Tesponi bir-rispett u l-Kap Eżekuttiv il-Kurunell Mark Mallia, għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Aġenzija, bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

**1.** Illi in vena preliminari, jibda billi jingħad li l-Aġenzija intimata mhix il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, stante li permezz tal-proċeduri odjerni effettivament qed jintalab tibdil f'atti tal-istat ċivili rreġistrati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u ai termini tal-artikolu 306(5) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, "Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jkun l-unika persuna kompetenti biex jirrappreżenta f'kull kapaċità lir-Reġistru Pubbliku f'kull proċeduri legali taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra.";

**2.** Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti naqset milli tutilizza r-rimedju ordinarju disponibbli taħt l-Artikolu 127 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' liema jista' jsir rikors għal korrezzjoni fid-digriet tal-adozzjoni quddiem il-Qorti li tkun tagħat id-digriet tal-

adozzjoni, minghajr il-ħtieġa li jiġu istitwiti proċeduri bħal dawk odjerni;

**3.** Illi bla ħsara għall-premess, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**4.** Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponenti umilment tistqarr illi mhix edotta mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat promotur, u tistieden lir-rikorrenti sabiex f'każ li tixtieq tipproċedi bil-proċeduri odjerni, tikkjama fil-kawża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta sabiex dan ikun jista' jwieġeb għat-talbiet tagħha;

**5.** Illi finalment u dejjem bla ħsara għall-premess, l-esponenti tissottometti illi hija ġiet intimata fil-proċeduri odjerni inutilment u li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tal-istess esponenti u li għalhekk hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**6.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tad-9 ta' Marzu 2023 il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, jingħad illi din ir-risposta qegħda issir wara li fis-seduta 9 ta' Marzu 2023, l-esponent ġie kjamat in kawza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi l-esponent debitament notifikat fl-istess ġurnata tramite l-avukati tiegħu ingħata għoxrin (20) ġurnata sabiex jintavola risposta ġuramentata għar-rikors promotur. Permezz tal-prezenti, l-esponent qieghed jottempora ruħu mal-istess digriet u jipprezenta l-umli risposta tiegħu;

3. Illi preliminarjament għandu jingħad illi ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

4. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti kif elenkati fir-rikors promotur.

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrimetti ruħu għas-savju superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti rigward l-ewwel talba in kwantu qiegħed jiġi mitlub tibdil fl-isem tar-rikorrent fl-Att tal-Adozzjoni, anness Dok. KB1 mar-rikors promotur.

6. Illi in kwantu għat-tieni talba, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma l-Atti l-oħra ta' Stat Ċivili li għandhom jiġu korretti billi permezz ta' nota jiġi indikat in-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed, jekk hu il-każ. Tajjeb jingħad, illi id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma jistax jintrabat b'Atti ta' Stat Ċivili futuri speċjalment jekk dawn ikunu maħruġin minn pajjizi esteri;

**7.** Illi finalment, l-esponent m'għandux jeħel l-ispejjez tal-kawza stante li ma jirrizulta ebda nuqqas min-naħa tiegħu. Di fatti, l-ġenituri adottivi setgħu jevitaw din il-kawza billi jissottomettu Formula U għan-nom tal-attrici fi zmien sena minn meta missier ir-rikorrent ossia Mario Borg Sillatto isottometta il-Formula T sabiex jzid kunjom xbubit ommu ossia jiġi 'Borg Sillatto' minn 'Borg'.

**8.** Salv eccezzjonijiet oħra skond il-liġi.';

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat illi l-genituri tar-rikorrenti intimati prezentaw nota a fol 17 tal-process illi taw ruhhom b'notifikati bil-kawza odjerna u ammettew it-talbiet tar-rikorrenti;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi esebita a fol 12 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti, kif ukoll partikolarment mill-affidavits tal-genituri tar-rikorrenti a fol 21 u 22 tal-process jirrizulta illi r-rikorrenti hija maghrufa effettivament bil-kunjom Borg Sillato u mhux biss bil-kunjom Borg.

Jirrizulta wkoll illi bhala bint addottata l-fatt illi hija ma hijiex qed tigi rikonoxxuta bil-kunjom tal-genituri taghha qed jirraprezenta wkoll sens ta' dwejjaq f'isem ir-rikorrenti li effettivament ma ghandux ikun.

Il-Qorti in vista ta' dan kollu fl-atti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma dak hawn decizi;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tordna korrezzjoni fl-att tal-addozzjoni tar-rikorrenti bin-numru ta registrazzjoni 1569 u bid-data tar-registrazzjoni 5 ta' Ottubru 2006 fejn fit-tielet kolonna 'Isem u kunjom tal-persuna adottata' mal-kunjom Borg ghandu jizdied il-kunjom 'Sillato' u ghalhekk jigi 'Borg Sillato';

3. Tilqa' it-tieni talba u tordna li ghal kull boun fini l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull Att iehor ta' status civili mahrug jew li jista' jinhareg fuq ir-rikorrenti u dana a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta'

Malta izda b'referenza biss ghall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fic-cirkostanzi stante izda l-intimati Agenzija Identita' Malta u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma naqsu xejn fil-konfront tar-rikorrenti l-ispejjez ghandhom jigu xorta wahda sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' April, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**27 ta' April , 2023**